MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2009

Numru. 99/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Leonard Cassar ta' 54 sena, bin Pawlu u Leonarda nee` Callus, Res, 43, Triq Tal-Fieres, Kirkop imwieled gewwa Kirkop f'29.01.1955, Detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0134255(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Leonard Cassar u cioe` talli nhar it-08 ta' Frar 2009 fi Triq tal-Fieres Krkop ghal habta ta' 11.00am:

1. Volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PC.695 Brian Seychell u dan kif iccertifikat

minn Dr. A. Briffa MD tac-centru tas-sahha tal-Floriana u dan ai termini tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni mghotija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe` fuq il-persuna ta' PC695 Brian Seychell ai termini tal-artikoli 92, u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezza fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe` fuq il-persuna tal-istess ufficjal tal-Pulizija imsemmi fl-akuzi hawn fuq u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 95 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb ghall-istess ufficjal pubbliku imsemmi sabiex jingurja jew jaghmel xi hsara lill-istess ufficjal pubbliku u dan ai terminu tal-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittmi mghotija lilu hekk mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qed jaghmel dmirijietu, jew b'xi mod bla jhedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membru tal-korp tal-pulizija jaghmel dak li b'ligi kien ordnat li jaghmel u billi hassar jew gab fix-xejn dak l' il-membru tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita kien ghamel u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai termini tal-artikolu 342 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrifjuta li jaghti lil ufficjal pubbliku cioe` lil Pulizija lil PC695 li kien inkarigtat minn dan is-servizz skond il-ligi waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra, u dan ai terminu tal-artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-lum 9 ta' Frar, 2009, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' l-imputat u fid-dawl tal-provi migjuba l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tal-imputat, il-fatt illi l-imputat skuza ruhu ghall-incident u li iddispjajieh ghal dak li ghamel.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-artikolu 221, 95, 96, 339(d), 338(ee), 338(dd), 342 u 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfornt tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq mghamula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perjodu ta' liberta kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------